MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 256/2001/1

**Power Projects Ltd.**

**vs**

**Lapsi Holdings Limited.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 15 ta' Frar 2001 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` attrici hija kreditrici fil-konfront tas-socjeta` konvenuta fl-ammont komplessiv ta' hamsin elf lira maltin (Lm50,000.00), bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-import ta' ghaxar kambjalijiet tal-valur ta' hamest elef lira maltija (Lm5,000.00) il-wahda, liema kambjalijiet skadew u saru dovuti rispettivament fis-16 ta' Jannar 2000, fis-16 ta'

Frar 2000, fis-16 ta' Marzu 2000, fis-16 ta' April 2000, fis-16 ta' Mejju 2000, fis-16 ta' Gunju 2000, fis-16 ta' Lulju 2000, fis-16 ta' Awissu 2000, fis-16 ta' Settembru 2000 u fis-16 ta' Ottubru 2000 (Dok. "A1"- "A10").

Illi llum l-imsemmi ammont huwa kreditu cert, likwidu u dovut tas-socjeta` attrici fil-konfront tas-socjeta` konvenuta u fil-fehma tas-socjeta` attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fehma ta' l-istess socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba attrici ghall-hlas ta' l-imsemmi ammont (Dok. "B").

Illi *nonostante* diversi nterpellazzjonijiet ghall-hlas, is-socjeta` konvenuta baqghet indempjenti u ma hallsitx.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tas-socjeta` attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza *ai termini* ta' l-artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundannaha thallas lis-socjeta` attrici l-ammont komplessiv ta' hamsin elf lita maltija (Lm50,000.00) bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-import ta' ghaxar kambjalijiet tal-valur ta' hamest elef lira Maltija (Lm5,000.00) il-wahda, liema kambjalijiet skadew u saru dovuti rispettivament fis-16 ta' Jannar 2000, fis-16 ta' Frar 2000, fis-16 ta' Marzu 2000, fis-16 ta' April 2000, fis-16 ta' Mejju 2000, fis-16 ta' Gunju 2000, fis-16 ta' Lulju 2000, fis-16 ta' Awissu 2000, fis-16 ta' Settembru 2000 u fis-16 ta' Ottubru 2000.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali dekorribbli mid-dati tar-rispettivi skadenzi sad-data ta' effettiv pagament, kontra s-socjeta` konvenuta rapprezentanti ta' liema huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici Power Projects Limited a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokument esebiti u mmarkati minn Dok “A1” sa Dok “A10” kif jidher minn fol. 4 sa fol. 10 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tat-13 ta’ Marzu 2001.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Marzu 2001 a fol. 14 tal-process fejn dehret Dr. Gabriella Vella ghas-socjeta` attrici u Dr. Aaron Mifsud Bonnici ghas-socjeta` konvenuta. Xehed il-konvenut William Joseph Caruana. Inghata digriet. Il-Qorti tat terminu ta’ ghoxrin (20) gurnata zmien ghall-prezentata ta’ l-eccezzjonijiet da parti tas-socjeta` konvenuta bid-dokumenti relattivi fejn qed jigi allegat li sar il-hlas. Il-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex tipprezenta l-original tal-kambjala mertu tal-kawza odjerna b’mod li kif jigu pprezentata tali kambjali ghandhom jigi diretti fis-*safe* tar-Registru tal-Qorti. Il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni tal-provi ghat-30 ta’ Mejju 2001.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Lapsi Holdings Limited datata 29 ta’ Marzu 2004 a fol. 19 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi preliminarjament, illi s-socjeta` attrici ghandha ggib il-prova illi hija tipposjedi l-kambjali *de quo*, u dan billi tiddepozita l-kambjali originali fl-atti ta’ din il-kawza;

2. Illi t-talbiet tas-socjeta` attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi sa fejn jafu rapprezentanti tas-socjeta` esponenti, il-kambjali *de quo* gew girati a favur ta’ terzi u ghalhekk l-azzjoni kambjala tispetta lil dawn it-terzi u mhux lis-socjeta` attrici;

3. Illi, kemm-il darba jirrizulta li l-kambjali gew girati a favur ta’ terzi kif premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi l-kambjali *de que* ma gewx protestati ghal nuqqas ta’ pagament *a tenur* ta’ l-**artikolu 191 tal-Kap. 13** tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi l-pretensjoni hija eccessiva, tenut kont ta' numru ta' pagamenti li s-socjeta` esponenti effetwat u li l-kambjali relattivi ghal dawn il-pagamenti ma gewx ritornati lilha mis-socjeta` attrici;

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta a fol. 20 u 21 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-30 ta' Mejju 2001; tas-26 ta' Gunju 2001; tat-8 ta' Novembru 2001 fejn dehret Dr. Gabriella Vella ghas-socjeta` attrici u Dr. Aaron Mifsud Bonnici ghas-socjeta` konvenuta. Dr. Gabriella Vella pprezentat nota bl-originali tal-kambjali b'mertu tal-kawza odjerna. Dr. Gabriella Vella talbet li l-istess dokumenti jigu depozitati fis-*safe* tal-Qorti u Dr. Aaron Mifsud Bonnici qabel. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat komunika ta' din l-ordni lid-Direttur Generali. Dr. Gabriella Vella ddikjarat li m'ghandhiex provi aktar. Inghata digriet ta' l-affidavits lis-socjeta` konvenuta ta' sittin (60) gurnata. Il-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi kollha tas-socjeta` konvenuta ghall-24 ta' Jannar 2002; u tal-24 ta' Jannar 2002 fejn dehret Dr. Gabriella Vella ghas-socjeta` attrici. Is-socjeta` konvenuta u d-difensuri taghha ssejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Peress li l-kawza kienet (f'din is-seduta) ghall-provi kollha tas-socjeta` konvenuta, li la dehret, la resqet provi u lanqas prezentat affidavits fit-terminu ndikat fid-digriet tat-8 ta' Novembru 2001. Il-Qorti ddikjarat il-provi tas-socjeta` konvenuta maghluqa u halliet il-kawza ghas-sentenza ghall-20 ta' Marzu 2002.

Rat ir-rikors tas-socjeta` konvenuta datata 25 ta' Jannar 2002 (fol. 30) fejn is-socjeta` esponenti talbet lill-Qorti joghgobha tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u thalli l-kawza ghall-provi tas-socjeta` esponenti, u dan taht kull provvediment opportun. Il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat ir-rikors debitament notifikat u li ma saret ebda risposta. Il-Qorti laqghet it-talba b'dan li l-kawza tibqa' differita ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-konvenuti ghall-20 ta' Marzu 2002.

Rat ir-risposta tas-socjeta` attrici ghar-rikors ipprezentat mis-socjeta` konvenuta fil-25 ta' Jannar 2002, tali risposta ipprezentata fir-Registru fit-28 ta' Frar 2002, fejn il-Qorti irreferiet ghad-digriet taghha tas-26 ta' Frar 2002 (fol. 34 u 35 u 36).

Rat il-verbali tas-seduti tal-20 ta' Marzu 2002; u tal-25 ta' April 2002 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Aaron Mifsud Bonnici ghas-socjeta` konvenuta u rapprezentant ta' l-istess. Dehret ukoll Dr. Gabriella Vella ghas-socjeta` attrici. Xehed William Caruana rapprezentant tas-socjeta` konvenuta. Il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tas-socjeta` konvenuta ghat-8 ta' Ottubru 2002 u estendiet ghall-ahhar darba z-zmien ghall-prezentata ta' l-affidavits b'erbghin (40) jum; u tat-8 ta' Ottubru 2002 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Aldo Vella ghas-socjeta` attrici, u Dr. Joanne Vella Cuschieri u Dr. Aaron Mifsud Bonnici ghas-socjeta` konvenuta. Id-difensuri talbu li jigi nominat Perit Komputista u ssuggerew lil John Bonnici. Il-Qorti laqghet it-talba u nnominat lil John Bonnici bhala Perit Komputista a spejjez provvizorjament tas-socjeta` attrici. Il-kawza giet differita ghall-prezentata tar-rapport ghas-27 ta' Marzu 2003; u tas-27 ta' Marzu 2003; tat-22 ta' Ottubru 2003; tat-28 ta' Jannar 2004; tal-20 ta' Mejju 2004; tal-4 ta' Novembru 2004; tat-12 ta' April 2005; u tas-16 ta' Novembru 2005 fejn deher l-Espert Komputista John Bonnici. Is-socjeta` attrici u d-difensur taghha Dr. Aldo Vella ssejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Is-socjeta` konvenuta u Dr. Aaron Mifsud Bonnici ssejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-Qorti giet infurmata li Dr. Aaron Mifsud Bonnici huwa msiefer. Il-Qorti rreferit ghar-rikors tas-socjeta` attrici tal-5 ta' Ottubru 2005, u d-digriet taghha moghti fis-6 ta' Ottubru 2005; irrevokat *contrario imperio* l-istess digriet tas-6 ta' Ottubru 2005 u ordnat lill-Perit Tekniku jiffissa l-ahhar seduta ghall-provi kollha li kien fadal ghas-7 ta' Dicembru 2005, wara liema seduta l-provi tal-partijiet

jigu dikjarati maghluqa. Il-Qorti awtorizzat lill-Perit Tekniku biex wara tali seduta jghaddi ghar-rapport fuq il-provi li hemm, u ordnatlu jinforma lill-partijiet bid-data tas-seduta msemmija. Il-kawza giet differita ghar-rapport ghas-16 ta' Frar 2006; u tas-16 ta' Frar 2006; tas-27 ta' April 2006; u tas-27 ta' Gunju 2006 fejn deher Dr. Aldo Vella ghas-socjeta` attrici u Dr. Aaron Mifsud Bonnici ghas-socjeta` konvenuta li kkonferma l-pozizzjoni tieghu kif diga` spjegata. Dr. Aldo Vella kkonferma li l-ahhar seduta nzammet pero` l-konvenuti ma dehrux u b'hekk il-Perit Tekniku suppost qed jirredigi r-rapport. Il-Qorti kkonfermat li l-Perit Komputista ghandu jghaddi ghar-rapport. Il-kawza giet differita ghar-rapport ghat-3 ta' Ottubru 2006.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Perit Komputista John Bonnici:- tat-8 ta' Lulju 2002 fejn xehed Marvic Fenech Adami (*financial controller* tas-socjeta` attrici); ta' l-1 ta' Ottubru 2002 fejn ma sar xejn; tad-19 ta' Novembru 2002 fejn rega' xehed Marvic Fenech Adami; tat-30 ta' Lulju 2003; u tal-4 ta' Dicembru 2003; tal-20 ta' Frar 2004; u tat-2 ta' Lulju 2004 fejn xehed Marvic Fenech Adami; ta' l-1 ta' Ottubru 2004; tat-12 ta' April 2005; tat-30 ta' Mejju 2005; tal-10 ta' Gunju 2005; tat-30 ta' Settembru 2005; u tas-7 ta' Dicembru 2005.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Ottubru 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Aldo Vella ghas-socjeta` attrici u Dr. Katrina Borg Cardona ghas-socjeta` konvenuta. Il-kawza giet differita ghall-hlas tar-rapport ghas-26 ta' Ottubru 2006. Dr. Aldo Vella gie nformat bil-kont tal-Perit Tekniku; u tas-26 ta' Ottubru 2006 fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-hlas tar-rapport ghat-28 ta' Novembru 2006; u tat-28 ta' Novembru 2006 fejn deher l-Espert Komputista John Bonnici li halef ir-rapport. Il-kawza giet differita ghall-ezami rapport ghall-15 ta' Frar 2007.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Komputista John Bonnici pprezentata fir-Registru fid-19 ta' Settembru 2006 u mahluf *seduta stante* fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2006 fejn ikkonkluda illi:-

*"Jirrizulta li fid-data tac-citazzjoni l-kambjali kollha kienu skadew u kien ghad fadal x'jithallsu fuqhom Lm26,984.08 barra minn imghax ammontanti ghal Lm295.71. Barra minn dan irid jithallas fuq is-somma ta' Lm26,984.08 imghax ta' 8% per annum mid-data tac-citazzjoni sa l-effettiv pagament."*

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Frar 2007 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Gabriella Vella ghas-socjeta` attrici li pprezentat nota ta' riduzzjoni ta' l-ammont tat-talbiet attrici abbazi ta' dak konkluz mir-rapport peritali. Dr. Aaron Mifsud Bonnici ssejjah diversi drabi ma deherx. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' April 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas ta' l-ammont ta' Lm50,000 import ta' ghaxar kambjali bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-import ta' ghaxar kambjalijiet tal-valur ta' hamest elef lira Maltija (Lm5,000.00) il-wahda, liema kambjalijiet skadew u saru dovuti rispettivament fis-16 ta' Jannar 2000, fis-16 ta' Frar 2000, fis-16 ta' Marzu 2000, fis-16 ta' April 2000, fis-16 ta' Mejju 2000, fis-16 ta' Gunju 2000, fis-16 ta' Lulju 2000, fis-16 ta' Awissu 2000, fis-16 ta' Settembru 2000 u fis-16 ta' Ottubru 2000, liema kopja ta' kambjali jinsabu esebiti bhala Dok. "A1" sa Dok. "A10" mac-citazzjoni attrici u l-originali taghhom jinsabu esebiti b'nota datata 8 ta' Novembru 2001 u jinsabu mizmuma bhala esebiti bin-numru 224/2001 kollox kif jinsab indikat a fol. 28 tal-process.

Illi s-socjeta’ konvenuta ipprezentat l-eccezzjoni li tali kambjali gew girati, izda in effetti ma saret ebda prova ta’ dan; anzi mill-kambjali esebiti jirrizulta li dan ma huwiex il-kaz; infatti xhieda dwar dan lanqas ingabet mir-rappresentanti tas-socjeta’ konvenuta u ghalhekk it-tieni u t-tielet eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta qed jigu michuda.

Illi dwar ir-raba’ eccezzjoni fejn is-socjeta’ konvenuta allegat li t-talba attrici hija eccessiva, peress li saru numru ta’ pagamenti, b’dan li allura l-ammont pretiz ma huwiex kollu dovut, din il-Qorti tirreferi ghar-relazzjoni tal-perit komputista s-Sur John Bonnici, fejn jidher li l-istess espert tekniku sostna li l-unika prova li s-socjeta’ konvenuta gabet f’dan ir-rigward kien biss permezz tad-dokument a fol. 16 tal-process li jindika li ghalkemm saru diversi pagamenti dawn kienu jirreferu kemm ghall-kopert bil-kambjali mertu tal-kawza odjerna u kemm ghal xoghol li ma huwiex kopert bil-mertu ta’ din il-kawza.

Illi dan ovvjament ghandu japplika fil-kuntest li din hija azzjoni kambjarja u bhala tali hawn japplikaw il-massimi ndikati fil-gurisprudenza taghna kif gie affermat fis-sentenza “**Charles Gatt noe vs Joseph Vassallo Gatt noe**” (K (JDC) 15 ta’ Novembru 1993) li kkonfermat li:-

“*appena kambjala tigi ammessa, tigi krejata obbligazzjoni ‘ad hoc’, ghal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obbligazzjoni li seghtet ipprecedietha. Ghalhekk f’kawza bhal din* (azzjoni kambjarja)*, l-eccezzjonijiet ammissibbli huma generalment limitati ghall-kambjala nnifisha u bhala regola m’ ghandhomx jigu permessi eccezzjonijiet li jikkoncernaw obbligazzjonijiet precedenti*”.

Illi l-istess principju gie segwit f’diversi sentenzi fosthom “**John Mary Sammut vs Michael Cassar**” (A.K. 14 ta’ Ottubru 1991) u “**George Zahra vs Alfred Borg**” (K (JSP) 28 ta’ April 1995) u **“Charles Bonnici vs Anna Farrugia”** (P.A. (RCP) – 2 ta’ Ottubru 2001) fejn il-Qrati rriferew ghall-gurisprudenza konstanti li fl-azzjoni kambjarja huma

permessi biss eccezzjonijiet li jikkontestaw il-validita` formali tal-kambjala in kwantu jallegaw li din tkun fuq il-wicc taghha *inoltre* f'xi wahda mill-elementi kostitwiti essenzjali taghha kif trid il-ligi (Vide Vol XXIX P1 1528 – Vol XXIX. 1. 1136) u l-istess "**John Portelli noe vs Charles Vella**" (K.C.D. 30.8.1989); dawn il-principji gew ilkoll elenkati fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Ottubru 2000 fl-ismijiet **"Ronald Micallef *et vs Subway (Malta) Limited"*** (Citaz. Nru. 273/2000/RCP).

Illi ovvjament dan ma jfissirx li bil-presentata ta' kambjala l-obbligazzjoni originali tigi estinta', u dan ghaliex fl-ewwel lok il-kambjala hija strument ta' kreditu li jrid jigi onorat, u mhux forma ta' pagament jew estinzjoni tal-obbligazzjoni anke originali ghaliex biex dan isehh tali kambjala trid tigi onorota u mhallsa, u fit-tieni lok dawn il-principji jsahhu dak li fuq inghad dwar l-indipendenza u s-separazzjoni tal-kawzali naxxenti mill-kambjala u l-kawzali naxxenti mill-obbligazzjoni originali li jibqghu distinti minn xulxin sakemm isehh il-pagament.

Illi tali prova ta' pagament tispetta lis-socjeta' konvenuta, u kif inghad l-unika prova li l-istess resqet kien id-Dok. "WJC" a fol. 16 tal-process li pero' juri zewg tipi ta' pagamenti, cjoe' dawk li saru mis-socjeta' Pyramid Hotels Limited u l-ohra mis-socjeta' Lapsi Holdings Limited, u dan meta l-kawza odjerna titratta biss dwar kambjali accettati mis-socjeta' konvenuta; f'dan l-*istatement* hemm indikat li s-socjeta' konvenuta stess tammetti li l-allokazzjoni ta' tali pagamenti jistghu ikunu differenti minn kif l-istess socjeta' konvenuta ndikat, u fil-fatt dan huwa kkonfermat mix-xhieda ta' Marvic Fenech Adami *Financial Controller* tas-socjeta' attrici u d-dokument minnu esebit bhala Dok. "MFA 1" a fol. 69 tal-process u mir-relazzjoni peritali jirrizulta li l-espert komputista mexa fuq din l-allokazzjoni tas-socjeta' attrici. Fil-fatt skond id-Dok. "MFA 1" jidher li kien intlahaq ftehim li l-ammont dovut fil-31 ta' Ottubru 1998 kien ta' Lm126,360, u dan bla ma ttiehdu konsiderazzjoni imghax u spejjez gudizzjarji, u jidher li ghar-ragunijiet indikati fl-istess rapport, u biex wiehed jibqa' ghal-limiti ndikati f'din il-kawza, dak li huwa relevanti huwa r-rendikont li sar relattivament ghall-pagamenti li

saru *verso* l-kambjali mertu tal-kawza odjerna, u dan kif jinsab indikat fid-Dok. “MFA 6” (fol. 76) tal-process, u dan huwa spejgat fil-paragrafu 8.5 tar-relazzjoni peritali (fol. 99), b’dan pero’ li gustament l-istess perit tekniku ghamel aggustament b’dan li l-interessi dovuti kellhom jigu kkalkulati mid-data ta’ l-iskadenza tal-kambjala u mhux mid-data tal-kambjala u dan huwa konformi ma’ dak li nghad fis-sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **“Joseph Gatt MBE vs Francis Vella”** ( A.K. XXXII.i.505 – 28 ta’ Frar 1994) fejn inghad illi:-

*“l-interessi huma dovuti mill-gurnata li fiha l-obbligazzjoni kellha tigi adempita jekk din hija ta’ natura kummercjali…”.*

Illi dwar obbligazzjonijiet ta’ natura kummercjali ssir riferenza wkoll ghall-kawzi **“Mario Mallia et nomine vs Francis Bezzina Wettinger”** (A.C. (VDG) – 10 ta’ Ottubru 2003); **“Hector Barbara proprio et nomine vs Perit Joseph Barbara’** (A.C. (JSP) 19 ta’ Novembru 2001); **“Vincent Brincat nomine vs Anna Caruana nomine”** (A.I.C. (P.S.) 23 ta’ Gunju 2004); **“Adrian Vella nomine vs Blue Med Travel Services Limited”** (A.I.C. (P.S.) 20 ta’ Ottubru 2004); **“Joseph Muscat et vs Maggur Louis Radmilli et”** (P.A. (JRM) 3 ta’ Ottubru 2002) u **Guillaumier Industries Limited vs Calibre Industries Limited et”** (P.A. (RCP) – 27 ta’ April 2006).

Illi ghalhekk kalkolati l-interessi kif inghad mill-istess espert komputista, liema ezercizzju kollu jinsab spjegat mill-perit komputista fil-kunteggi minnu maghmula a fol. 100 sa 102 tal-process, li din il-Qorti qed taddotta bhala parti ntegrali minn din id-decizjoni, ma’ hemm l-ebda dubju li din il-Qorti tasal sabiex tadotta l-istess rizultanzi u konkluzjonijiet tal-perit komputista bhala konkluzjonijiet ta’ din il-Qorti.

Illi fil-fatt meta saru dawn il-kunteggi kollha l-istess espert komputista wasal ghall-konkluzzjoni li *“jirrizulta li fid-data tac-citazzjoni l-kambjali kollha kienu skadew u kien ghad fadal x’jithallsu fuqhom Lm26,984.08 barra minn imghax ammontanti ghal Lm295.71. Barra minn dan irid jithallas*

*fuq is-somma ta' Lm26,984.08 imghax ta' 8% per annum mid-data tac-citazzjoni sa l-effettiv pagament."*

Illi fil-fatt l-istess ammont mitlub fic-citazzjoni attrici gie ridott ghall-istess ammonti ndikati fir-rapport ta' l-espert komputista, u dan permezz ta' nota ta' riduzzjoni datata 15 Frar 2007 (fol. 106) tal-process u ghalhekk *in vista* tal-premess, it-talbiet attrici kif ridotti ghandhom jigu milqugha fil-konfront tas-socjeta' konvenuta.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-ewwel tlett eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, u tilqa' in parti r-raba' eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta biss in kwantu hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-tieni talba attrici kif ridotta fl-ammont indikat permezz ta' nota ta' riduzzjoni attrici datata 15 ta' Frar 2007,** b'dan illi:-

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta' sitta u ghoxrin elf Lira Maltija, disa' mija u erbgha u tmenin Lira Maltija u tmien centezmi (Lm26,984.08) bilanc minn somma akbar rappresentanti import ta' ghaxar kambjalijiet tal-valur ta' hamest elef (Lm5,000) -il wahda liema kambjali, skadew u saru dovuti rispettivament fis-16 ta' Jannar 2000, fis-16 ta' Frar 2000, fis-16 ta' Marzu 2000, fis-16 ta' April 2000, fis-16 ta' Mejju 2000, fis-16 ta' Gunju 2000, fis-16 ta' Lulju 2000, fis-16 ta' Awissu 2000, fis-16 ta' Settembru 2000 u fis-16 ta' Ottubru 2000, mertu tac-citazzjoni attrici.

Bl-imghax legali ammontanti ghal mitejn u hamsa u disghin lira maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm295.71) kif indikat fir-relazzjoni ta' l-espert komputista u bl-imghax legali ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tac-citazzjoni attrici sal-effettiv pagament fuq is-somma hawn indikata ta' sitta u ghoxrin elf, disa' mija u erbgha u tmenin lira maltija u tmien centezmi (Lm26,984.08) kontra s-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez ta’ din il-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------